# PJATTAFORMA TAL-FOND GĦALL-KULTURA U S-SAĦĦA GĦALL-GĦŻEJJER MALTIN

LINJI GWIDA U REGOLAMENTI 2026

“Ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Il-veduti u l-opinjonijiet espressi, madanakollu, huma strettament dawk tal-awtur(i) u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-EACEA. La l-Unjoni Ewropea u lanqas l-awtorità li tagħti l-għotja ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.”

**MAĦRUĠA: FRAR 2026**

ALLOKAZZJONIJIET

| BAĠIT TAS-SESSJONI | AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| EUR 27,000<br>GĦAT-2 FERGĦA | EUR 9,000<br>GĦAT-2 FERGĦA |
| Il-Fond għandu l-mira li jkollu tliet benefiċjarji għat-2 Fergħa | |

| KO-FINANZJAMENT | ŻBORŻAMENT |
|---|---|
| L-iskema tista' tkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 80% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>20% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

**SKEDI TA' ŻMIEN**

| DATA TA' SKADENZA | RIŻULTATI | SKEDI TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| 7 t'April 2026 | 21 ta' Mejju 2026 | 22 ta' Mejju 2026 – 22 ta' Mejju 2027 |

# 1. Introduzzjoni

Il-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin hija parti minn inizjattiva t'erba' snin immirata biex tappoġġja artisti Ewropej emerġenti li jaħdmu fl-interesezzjoni tas-setturi tal-kultura, saħħa, kura, kif ukoll dawk soċjali. Il-pjattaforma *KulturaUSaħħa* hija ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea, minn Ewropa Azzjoni Kulturali, u minn 14-il organizzazzjoni Ewropea sħab oħra, inkluż ARC Research & Consultancy bħala l-isħab Malti għal din il-pjattaforma. Il-benefiċċji ewlenin tal-pjattaforma *KulturaUSaħħa* għall-artisti jinkludu:

- Appoġġ finanzjarju għal proġetti li jwaħħdu l-kultura u s-saħħa;
- Mobbiltà internazzjonali u viżibbiltà miżjuda;
- Inizjattivi ta' taħriġ u bini ta' kapaċità;
- Appoġġ bejn il-pari u opportunitajiet ta' netwerking;
- Li jiġu aċċennati avvenimenti li jitfgħu dawl fuq ix-xogħol tal-artisti.

Għal aktar informazzjoni dwar il-*Pjattaforma tal-KulturaUSaħħa*, tista' tikkonsulta l-vidjo tal-avveniment tat-tnedija online. Kollezzjoni ta' proġetti fl-oqsma tal-kultura, saħħa, u benessri jistgħu jinsabu fid-database tal-immappjar tal-CultureForHealth.

Bħala parti mill-inizjattivi tal-pjattaforma lokali, ARC Research & Consultancy, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Arti (minn dan il-punt 'il quddiem riferuti bħala l-entitajiet tal-finanzjament) qed iniedu fond li fil-mira tiegħu se jkollu artisti emerġenti Maltin u artisti bbażati f'Malta kif ukoll professjonisti kreattivi fil-qasam intersettorjali tal-kultura, saħħa, u kura.

L-iskema hija appoġġjata b'mod ugwali mill-Kunsill Malti għall-Arti (permezz ta' fondi allokati mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali) u l-ARC Research & Consultancy (permezz ta' fondi allokati mill-Unjoni Ewropea).

F'konformità ma' waħda mit-temi ewlenin tal-KMA li tiffoka fuq il-kura, dan il-fond huwa għodda biex ikompli jappoġġja s-setturi kulturali u kreattivi billi:

- Irawwem kollaborazzjonijiet intersettorjali fuq livelli lokali u nazzjonali biex jappoġġjaw l-interesezzjoni bejn il-kultura, saħħa, u kura.
- Irawwem interess fil-kultura, saħħa, u kura bħala intersezzjoni li tappoġġja l-benessri olistiku u soċjetajiet prosperużi.
- Jesplora l-effetti pożittivi t'attivitajiet tal-arti u dawk kulturali fuq is-saħħa u l-benessri.
- Jappoġġja l-iżvilupp tal-artisti u l-professjonisti kreattivi impenjati fl-esplorazzjoni ta' dan il-qasam.

- Jiffaċilita l-ħolqien ta' proġetti, programmi, u pjattaformi li jippermettu lil artisti emerġenti sabiex jinteraġġixxu ma' komunitajiet speċifiċi, oqsma tal-kura tas-saħħa, u/jew kundizzjonijiet ta' saħħa ta' sfida permezz tal-prattika artistika tagħhom.

- Jibni u jsaħħaħ sħubiji strateġiċi, kollaborazzjonijiet, u netwerks, kemm fuq livell nazzjonali u internazzjonali, sabiex jippermetti opportunitajiet sostenibbli u soluzzjonijiet sistematiċi fit-tul fl-intersezzjoni bejn il-kultura u s-saħħa.

- Jagħti valur u pożizzjoni aktar promettenti lid-diversità tal-espressjoni artistika u kulturali, kif ukoll l-aċċess u l-parteċipazzjoni fl-istess bħala parti integrali għall-ekoloġija kulturali u kreattiva aktar wiesa' ta' Malta.

Din l-iskema tirrikonoxxi l-potenzjal tal-intersezzjoni bejn il-kultura, is-saħħa, u l-kura sabiex tappoġġja l-benessri olistiku, il-prevenzjoni tal-mard, u proċessi ta' kura, kif ukoll komunitajiet aktar b'saħħithom u f'saħħithom. Filwaqt li tirrikonoxxi l-valur ta' kull forma ta' prattiċi u interventi fil-qasam tal-kultura u s-saħħa, din l-iskema speċifikament se tipprijoritizza inizjattivi mmexxija minn artisti li joperaw f'din l-intersezzjoni.

Din l-iskema se tkun maqsuma f'żewġ fergħat.

Għal dettalji dwar l-1 Fergħa, jekk jogħġbok irreferi għal-linji gwida u regolamenti tal-1 Fergħa, disponibbli fuq l-istess paġna.

## It-2 Fergħa – Implimentazzjoni tal-Proġett

Din l-iskema toffri lil artisti emerġenti l-possibbiltà li jipproponu proġetti, immexxija minn artisti emerġenti f'dan il-qasam, għall-promozzjoni tat-titjib tal-kwalità tal-ħajja u aċċess kulturali f'kuntesti ta' kura tas-saħħa jew ta' kura soċjali.

Din il-fergħa tappoġġja proġetti u/jew programmi li jġibu flimkien professjonisti u organizzazzjonijiet fost is-setturi tal-arti, saħħa, u dawk soċjali bl-għan li tappoġġja proġetti kreattivi ddisinjati sabiex iwettqu benefiċċji tas-saħħa u l-benessri. Il-proġetti jistgħu jinkludu:

- Programmi t'arti parteċipatorja għal persuni li qed jesperjenzaw mard fiżiku u mentali, kif ukoll proġetti ffukati fuq prevenzjoni, f'ambjenti differenti.
- Arti f'ambjenti ta' kura tas-saħħa, inkluż proġetti ddisinjati sabiex itejbu ambjenti ta' kura tas-saħħa u jappoġġjaw il-benessri tal-istaff u l-pazjenti.
- Produzzjonijiet f'ambjenti ta' kura ta' saħħa: dawn jistgħu jinkludu prestazzjonijiet, installazzjonijiet, u esebizzjonijiet li jappoġġjaw il-benessri ġenerali u jitfgħu dawl fuq kwistjonijiet relatati mas-saħħa.
- Residenzi artistiċi f'ambjenti ta' kura tas-saħħa jew ta' kura soċjali.
- Attività ta' riċerka bbażata fil-prattika.

Il-proġetti se jaraw li jintegraw prattiċi artistiċi ġodda—jew isaħħu programmi eżistenti—fi ħdan komunitajiet lokali u strutturi stabbiliti, sabiex irawmu konnessjonijiet u sostenibbiltà fit-tul. Se jaraw ukoll li jiżviluppaw ix-xogħol tal-artisti emerġenti involuti.

L-entità/organizzazzjoni tal-kura tas-saħħa jew dik soċjali li se tkun qed tissieħeb għal dan il-għan trid tkun ikkuntattja qabel l-istadju tal-applikazzjoni. L-ospitant irid jiffirma ittra t'intenzjoni li trid tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. L-organizzazzjoni msieħba ma tistax tkun entità kulturali (oħra), iżda trid speċifikament tkun entità/organizzazzjoni ta' kura ta' saħħa jew ta' kura soċjali.

Fil-każ tat-2 Fergħa, applikazzjonijiet sottomessi jistgħu:

- Jiffurmaw minn proġett/korp ta' xogħol aktar wiesa';
- Jkunu proġetti awtonomi;
- Jikkonsistu f'serje ta' proġetti fi ħdan programm t'attivitajiet.

F'konformità mal-istrateġija attwali u mal-impenn tal-KMA biex jappoġġja l-arti, biex jadotta approċċ sostenibbli u kontabbli għall-investiment pubbliku, il-KMA jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti għas-segwenti, f'konformità mal-istrateġija attwali tiegħu:

Fl-iżvilupp tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti huma mitluba sabiex isegwu l-gwida pprovduta fid-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi, b'enfasi partikolari fir-riwgard tal-involviment tal-komunità u l-addozzjoni t'approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta' riżorsi għandu l-mira li jżid l-għarfien rigward l-inklussività, u biex jappoġġja l-implimentazzjoni ta' drittijiet kulturali fil-prattika ta' kuljum.

Meta jkunu qed jipproponu l-attivatijiet operazzjonali u programmatiċi, l-applikanti għandhom ukoll jikkunsidraw il-Karta tal-Istatus tal-Artist sabiex jiżguraw kundizzjonijiet t'impjieg aċċettabbli u diċenti għall-artisti u prattikanti fis-setturi kulturali u kreattivi, jabbraċċaw il-libertà artistika, aċċessibbiltà, rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/mhux formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi diċenti, in-nondiskriminazzjoni u ewkità, kunsiderazzjonijiet etiċi, u aderanza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi tal-impjieg internazzjonali. Il-Karta tal-Istatus tal-Artist hija intiża li tipprovdi qafas ta' referenza dinamiku għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li direttament jew indirettament timpatta l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni hija allinjata mal-viżjoni fit-tul aħħarija u cioè dik li jiġi elevat l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. DEFINIZZJONIJIET

Applikant

- Applikanti huma artisti emerġenti Maltin jew ibbażati f'Malta, li jista' jkun qed japplikaw bħala individwu, grupp, jew organizzazzjoni. F'każijiet ta' gruppi jew organizzazzjonijiet, l-applikant irid jidentifika l-artisti emerġenti li se jmexxu/jaħdmu fuq il-proġett. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-entitajiet tal-finanzjament jew involuti fil-ġestjoni tal-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin .

Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni, imressqa minn applikant eliġibbli.

Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss f'isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT hija maħruġa f'isem il-benfiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F'każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għalhekk mhuwiex irreġistrat bil-VAT, dan għandu d-dmir li jaċċerta li jitlob irċevuta fiskali għall-prodotti u s-servizzi li rċieva.

Komunità

- Grupp t'individwi li għandhom valuri, drawwiet, identitajiet, u prattiċi komuni. Fil-każ tal-Pjattaforma għall-Fond tal-Kultura u Saħħa għall-Gżejjer Maltin, l-artist (= l-applikant) qiegħed jaħdem f'komunità magħżula, permezz ta' prattiċi artistiċi, sabiex jappoġġja s-saħħa u l-benessri ta' dik il-komunità partikolari.

Koperattivi

- Koperattivi jridu jkunu reġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal aktar informazzjoni żur: https://maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

Prattikanti kreattivi

- L-individwi artistiċi u kreattivi kollha attivi fis-setturi kulturali u kreattivi.

Kultura u Saħħa

- It-twaħħid taż-żewġ oqsma tal-kultura u s-saħħa wera lilu nnifsu bħala benefiċjali fuq diversi livelli. Hemm evidenza dejjem tikber (ara WHO 2019 u r-rapport tal-CultureForHealth) li attivitajiet artistiċi u kulturali jippromwovu saħħa u benessri ġenerali pożittivi. Involviment f'approċċi bbażati fuq il-kultura u l-arti ħafna drabi juru lilhom infushom bħala miżuri ta' kura tas-saħħa effettivi fihom infushom. Rapporti varji ppubblikati jitfgħu dawl fuq evidenza tal-effetti pożittivi tal-inkorporazzjoni t'approċċi bbażati fuq l-arti għall-kura tas-saħħa u politiki tas-saħħa, u fl-indirizzar ta' determinattivi ewlenin tas-saħħa. Għaldaqstant, dan il-qasam interdixxiplinarju tal-kultura u s-saħħa attivament jippromwovi l-intersezzjoni bejn dawn iż-żewġ oqsma bl-għan li jinkoraġġixxi interventi aktar sostenibbli u kollaborazzjonijiet effettivi, filwaqt li jipprovdi evidenza ta' dan in-ness.

Żborżament tal-fondi

- Din l-għotja se tiġi żborżjata kif muri f'paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Pagament ta' 50% tal-ammont li jrid jiġi żborżjat se jiġi maħruġ minn kull entità ta' finanzjament u se jiġi mogħti lill-applikant. L-applikant għandu jkollu kont bankarju attiv meta jressaq l-applikazzjoni.

Diversità

- Differenzi individwali f'termini ta' età, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, abbiltà, etniċità, kultura, twemmin, lingwa, u sfond soċjoekonomiku fost il-komunitajiet, il-kreattivi, u l-udjenzi.

Artisti emerġenti

- Artisti emerġenti huma artisti professjonali, irrespettivament mill-età, li qed jibdew jistabbilixxu lilhom infushom fil-qasam/spazju interprofessjonali tal-kultura, saħħa, kura, u s-settur soċjali.
- Dawn l-artisti għandhom:
  a) Ikollhom xi esperjenza jew taħriġ f'dak li x'għandu x'jaqsam ma' ħidma fl-intersezzjoni tas-setturi tal-kultura, saħħa, dawk soċjali, u/jew dawk tal-kura; jew
  b) Jipposjedu taħriġ speċjalizzat fl-arti, li mhux neċessarjament huwa derivat minn istituzzjoni akkademika, iżda li għandhom ukoll tliet snin ta' esperjenza artistika professjonali (imkejla f'termini tal-kwalità tax-xogħol tagħhom, mhux f'termini ta' żmien); jew
  c) Ikunu ta' suċċess fil-qasam artistiku tagħhom, iżda issa se jibdew / jew jixtiequ jibdew jaħdmu fil-qasam interprofessjonali tal-kultura u s-saħħa / l-arti u s-saħħa. Dawn il-prattikanti jidentifikaw bħala artisti emerġenti f'dan l-irwol ġdid sabiex jiżviluppaw aktar il-prattika tagħhom.

- Din id-deskrizzjoni tirreferi għal artisti li huma ppassjonati fuq l-integrazzjoni tal-prattika tal-arti tagħhom m'inizjattivi ta' saħħa u benessri.

Eliġibbiltà

- Qabelxejn, isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-iskema. Applikazzjonijiet li ma jinstabux eliġibbli ai termini tal-kriterji stabbiliti ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati .

Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f'dawn il-linji gwida.

Bord t'evalwazzjoni

- L-entitajiet ta' finanzjament jaħtru bord tal-evalwazzjoni għal kull sejħa tal-iskema. Il-bord maħtur jista' jkun magħmul minn professjonisti lokali jew barranin fl-intersezzjoni ta' bejn il-kultura u l-arti.

Grupp

- Numru ta' persuni, b'personalità legali jew mingħajr, jistgħu jiffurmaw grupp. Wieħed mill-persuni involuti jrid jieħu rwol ta' tmexxija u jkollu r-responsabbiltà legali ewlenija għall-ġestjoni tal-proġett u l-għotja. Din il-persuna trid tkun ċittadin Malti, jew fil-pussess ta' permess ta' residenza Malti, jew ta' ċertifikat ta' ċittadinanza Malti, jew ta' passaport Malti. Applikazzjonijiet multipli sottomessi minn membri individwali ta' grupp għall-istess proposta se jitqiesu bħala ineliġibbli u ma jiġux proċessati.

Individwu

- L-individwi li japplikaw għall-għotja jridu jkunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

Ġestjoni u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti u ARC Research & Consultancy huma responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta' din l-iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluż is-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet jew aġġornamenti għall-proposti magħżula, għandha tiġi sottomessa online permezz tas-CRM tal-Kunsill Malti għall-Arti hekk kif indikat f'dawn il-linji gwida.

Dokumentazzjoni mandatorja

- Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġja(w) il-proposta tiegħek u jgħin(u) l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (e.ż. rekords preċedenti,

portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta' spazju, permessi, jew oħrajn).

Finanzjament massimu

- Hemm limitu ta' €9,000 għal kull proġett li se jiġi allokat għat-2 Fergħa. L-ammonti mogħtija se jiġu deċiżi fuq bażi ta' kunsiderazzjoni individwali, skont il-proġett.

Organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti tal-Arti, li jinkludu t-Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta, u l-Aġenzija Nazzjonali tal-Arti Perfomattiva.

Entitajiet reġistrati

- Entità legalment stabbilita u reġistrata f'Malta. Entitajiet reġistrati jridu jkunu reġistrati mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji f'każ ta' kumpanija jew sħubija, u f'konformità mal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' fondazzjoni u organizzazzjoni/assoċjazzjoni.

Awto-sostenibbiltà

- Tirreferi direttament għal dawk il-proġetti li, fuq perjodu qasir jew fit-tul, juru lilhom infushom bħala finanzjarjament sostenibbli, i.e. jistgħu jiġu mwettqa mingħajr il-bżonn t'investiment pubbliku. Sostenibbiltà finanzjarja ta' proġett tista' tkun ir-riżultat ta' kontribuzzjoni, parteċipazzjoni, jew investiment ta' partijiet terzi f'prodotti jew servizzi offruti lill-applikant(i) fi ħdan il-proġett propost.

Impriża unika

- Tfisser kull impriża li għandha tal-anqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet li ġejjin flimkien:
  - Impriża li għandha l-maġġoranza tad-dritt tal-vot tal-azzjonijisti jew tal-membri f'impriża oħra;
  - li għandha dritt li taħtar jew tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, ta' ġestjoni, jew ta' superviżjoni t'impriża oħra ;
  - Impriża li għandha d-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra, skont il-kuntratt fis-seħħ ma' dik l-impriża jew skont il-proviżjoni fil-memorandum jew artikli t'assoċjazzjoni;
  - Impriża li hija azzjonista jew membru f'impriża oħra, li tikkontrolla waħidha, skont ftehim ma' azzjonisti oħra jew membri oħra ta' dik l-

impriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew membri ta' dik l-impriża.

- Impriżi li għandhom kwalunkwe mir-relazzjonijiet riferuti f'punti (a) sa (d) f'impriża waħda jew iktar se jiġu meqjusa bħala impriża unika.

Impriża

- Impriża hija defenita bħala entità involuta f'attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU (i.e. kwalunkwe attività konsistenti fil-proviżjoni ta' oġġetti u servizzi għas-suq), irrespettivament mill-istatus legali u l-mod kif din tiġi ffinanzjata. Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjonijiet tar-regoli tal-għajnuna tal-istat ma tiddependix fuq jekk din l-entità hux stabbilita biex tiġġenera l-profitti. Entitajiet li ma jagħmlux profitti jistgħu wkoll joffru oġġetti u servizzi għas-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, entitajiet li ma jagħmlux profitt jaqgħu 'l barra mill-ambitu tal-għajnuna tal-istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni tal-entità bħala impriża hija dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi tiġi meqjusa biss bħala impriża fir-rigward tal-ewwel minn dawn l-attivitajiet.

Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

# 3. ELIĠIBBILTÀ

Qabelxejn, il-proġetti jiġu skrinjati f'termini t'eliġibbiltà teknika u artistika. Proposti ineliġibbli f'termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

L-iskeda ta' żmien massimu biex jitwettaq il-proġett: 12-il xahar.

## 3.1. Min jista' japplika?

Applikanti jridu jkunu artisti emerġenti Maltin jew ibbażati f'Malta (jekk jogħġbok irreferi għad-definizzjoni fit-2 Sezzjoni) li jikkwalifikaw bħala wieħed mis-segwenti:

- Professjonisti kreattivi/artisti individwali;
- Entitajiet reġistrati mar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta (inkluż kumpaniji, sħubijiet, fondazzjonijiet, u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet);

- Gruppi, kollettivi, u konsorzja;
- Koperattivi reġistrati;
- Organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji.

F'każ t'entitajiet, gruppi, kollettivi, konsorzja, koperazzjonijiet, u organizzazzjonijiet volontarji, l-applikazzjoni trid tindika l-artisti emerġenti li jmexxu l-proċess.

Jekk jogħġbok irreferi għad-9 Sezzjoni ta' dawn il-Linji Gwida u Regolamenti għal informazzjoni rigward l-applikabbiltà tar-regoli tal-għajnuna tal-istat għal applikanti/proġetti.

## 3.2. Min ma jistax japplika?

Is-segwenti mhux eliġibbli biex japplikaw:

- Applikanti li ma jikkwalifikawx taħt id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema speċifika.
- Applikanti li l-profil tagħhom mhux verifikat, minħabba li l-profil tagħhom mhux komplut abbażi ta' raġunijiet li jappartjenu man-nuqqas tad-dokumentazzjoni mandatorja li ġejja:
  - kopja tal-ID card tiegħek Maltija (inkluż in-naħa ta' quddiem u ta' wara) jew tal-permess ta' residenza Maltija jew taċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew tal-passaport Malti;
  - statut iffirmat f'każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Benefiċjarji li diġà bbenefikaw mill-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin f'sejħiet preċedenti;
- Benefiċjarji li m'onorawx impenji ta' finanzjament preċedenti;
- Benefiċjarji li ma ssottomettewx jew ma lestewx tal-anqas rapport wieħed finali relatat ma' għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan l-iskadenzi ta' żmien stabbiliti;
- F'każ ta' grupp, applikazzjonijiet sottomessi minn membri individwali ta' dak il-grupp;
- F'każ ta' entitajiet reġistrati, entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali meħtieġa lir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta;
- F'każ ta' organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji:
  - Li mhux iskritti mal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - Li ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - Li m'għandhomx indirizz reġistrat fil-Gżejjer Maltin.

- Organizzazzjonijiet/attivitajiet li jirċievu fondi lokali pubbliċi stabbiliti minn line-votes governattivi.

## 3.3. X'spejjeż jistgħu jiġu koperti?

Din l-għotja tista' tkopri sa 100% ta' dawn l-ispejjeż li ġejjin (sa massimu ta' €9,000 għal kull proġett, skont liem hu l-aktar baxx):

- Miżati artistiċi;
- Diġitalizzazzjoni;
- Spejjeż ta' dokumentazzjoni;
- Miżuri ta' saħħa u sigurtà;
- Kiri/xiri ta' tagħmir (xiri ta' tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk ikun meqjus neċessarju għall-proġett);
- Assigurazzjoni;
- Reklamar u komunikazzjoni, li ma jeċċedux 10% tal-proġett totali;
- Miżati oħra direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inkluż iżda mhux limitati għal: fororniture tas-servizzi, mentors, miżati legali, ta' parteċipazzjoni jew abbonamenti, jew lingwistiċi, surtitling, eċċ.);
- Materjal stampat;
- Spejjeż ta' produzzjoni;
- Miżati ta' ġestjoni tal-proġett (inkluż iżda mhux limitati għal: amministrazzjoni, kordinazzjoni, żvilupp);
- Kiri ta' spazji;
- Abbonamenti għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra, fejn relevanti;
- Vjaġġar (klassi ekonomika), inkluż, iżda mhux limitat għal, trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, kiri ta' karozzi/vetturi;
- Akkomodazzjoni standard (eskluż kirjiet fit-tul, jew parti minn tali);
- VISA tal-ivvjaġġar;
- Kontinġenzi, li ma jeċċedux 10% tal-proġett totali;
- Spejjeż indiretti li ma jeċċedux 5% tal-ispiża totali (eżempju – servizzjar: elettriku, ilma, tindif; telefonija / fax / konnessjonijiet tal-internet; posta u impostar; karti, linka / cardtridges, kartolerija, eċċ.).

Għal aktar informazzjoni dwar kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek, irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali tal-Baġit tagħna, disponibbli fuq: https://artscouncilmalta.gov.mt/funding-and-grants/general-budget-guidelines/.

## 3.4. X'spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Spejjeż diġà kopruti minn organizzazzjonijiet pubbliċi kulturali jew kwalunkwe programm/skema ta' finanzjament pubblika mmaniġġjata jew ko-maniġġjata mill-Kunsill Malti għall-Arti jew xi aġenzija pubblika, dipartiment jew ministeru tal-gvern ieħor.
- Spejjeż diġà kopruti mill-baġits operazzjonali tas-soltu (per eżempju spazju li diġà huwa fil-pussess tal-applikant jew tal-organizzazzjoni/individwu fi sħab/t'appoġġ);
- Miżati għal servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet pubbliċi kulturali jew aġenzija pubblika, dipartiment tal-gvern, jew ministeru ieħor
- Finanzjament għall-ħolqien jew il-manteniment ta' boroż, kuntesti, kompetizzjonijiet, premjijiet, jew boroż ta' studji
- VAT rikoverabbli, fejn applikabbli;
- Rimborż ta' salarji jew ta' parti minnhom;
- Spejjeż retroattivi;
- Spejjeż ta' għajxien, catering, jew ospitalità.

## 3.5. Liema applikazzjonijiet mhux eliġibbli?

Dawn l-applikazzjonijiet li ġejjin mhux eliġibbli taħt din l-iskema:

- Attivitajiet li huma intrinsikament awto-sostenibbli;
- Attivitajiet li mhux relatati mal-kultura, l-arti, u l-industriji kreattivi;
- Attivitajiet li ma jintegrawx il-kultura, l-arti, u l-industriji kreattivi f'aspetti ta' saħħa, kura, u l-benessri;
- Attivitajiet li għandhom għan ta' ġbir ta' flus jew ta' propoganda politika;
- Applikazzjonijiet biex jiġi ffinanzjat il-ħolqien ta' kuntesti, kompetizzjonijiet, boroż, premjijiet, jew boroż ta' studji;
- Applikazzjonijiet sottomessi wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet sottomessi minn entitajiet pubbliċi b'line vote jew mingħajr;
- Spejjeż għal attivitajiet u festivitajiet tradizzjonali.
- Avvenimenti miżmuma fuq bażi regolari, inkluż proġetti annwali, festivals annwali, prestazzjonijiet annwali jew ta' skejjel, programmi ta' taħriġ regolari;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti. Irreferi għal-lista ta' kontroll f'Sezzjoni 5.1;
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn kors edukazzjonali, jew riċerka bħala parti minn programm akkademiku stabbilit;

- Inizjattivi eliġibbli taħt il-kappa ta' Festivals Malta, l-Iskema ta' Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, il-Valletta Cultural Agency, Malta Arts Scholarships, jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-istat iddedikat għall-arti/kultura Maltija
- Proġetti li jkunu diġà mibdija u/jew li seħħew qabel ir-riżultat ġie nnotifikat lill-applikant(i);
- Proġetti li t-tul tagħhom ma jinkwadrax totalment fl-ambitu tal-iskeda ta' żmien eliġibbli;
- Programmi ta' taħriġ rekwiżiti sabiex jiġġedu liċenzji jew akkreditazzjonijiet professjonali;
- Applikazzjonijiet għal pjattaformi li l-applikanti diġà attendew għalihom jew ipparteċipaw fihom.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata lil hinn mill-ambitu tal-Pjattaforma tal-Fond għall-Kultura u s-Saħħa għall-Gżejjer Maltin mhix eliġibbli għall-appoġġ.

L-applikanti jistgħu jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda taħt din is-sejħa. Madankollu, applikazzjoni waħda biss mill-applikazzjonijiet sottomessi tista' tiġi ffinanzjata f'kull sessjoni. L-applikanti jistgħu jiġu mogħtija appoġġ għal applikazzjoni taħt fergħa separata permezz ta' din is-sejħa.

# 4. EVALWAZZJONI

Il-bord t'evalwazzjoni se tibbaża d-deċiżjoni tagħha abbażi tal-kriterji segwenti:

### 4.1.1. Kunċett (30 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-kunċett tal-applikazzjoni; il-miri, l-għanijiet, u l-eżiti tal-proposta; u r-relevanza tal-kunċett għall-ambitu ta' dan il-fond.

Il-punti segwenti jridu jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 500 kelma:

- Jekk jogħġbok ipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kunċett propost vis-à-vis il-prijoritajiet tal-fond, kif identifikat hawn fuq. Iddefinixxi b'mod ċar il-miri, l-għanijiet, u l-eżiti mistennija tal-proġett. (10 marki)
- Iddefinixxi b'mod ċar ir-relevanza tal-kunċett vis-à-vis l-iżvilupp tal-artisti involuti, kif ukoll il-benefiċċju għall-organizzazzjonijiet imsieħba. (10 marki)
- Jekk jogħġbok ipprovdi l-proċess ko-kreattiv propost sabiex jinkisbu l-eżiti mixtieqa flimkien mal-kollaboraturi intersettorjali identifikati (Din għandha tkinkludi wkoll evidenza ta' kif il-proposta tagħti kunsiderazzjoni dovuta lill-

principji tad-Dritt tal-Kultura – Ir-Resource Kit u l-Karta tal-Istatus tal-Artist, hekk kif elenkat fl-1 Sezzjoni). (5 marki)

- X'inhuma l-pjanijiet lil hinn mill-implimentazzjoni tal-proposta? (5 marki)

### 4.1.2. Involviment (25 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-livell t'involviment ma' komunitajiet stabbiliti, kif ukoll is-saħħa tal-pjanijiet ta' disseminazzjoni proposti.

Il-punti segwenti għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

'Involviment' jirreferi għall-irwol, in-natura tal-involviment, u l-esperjenza offruta lill-parteċipanti li jistgħu jiġu milħuqa permezz t'approċċi artistiċi parteċipatorji. Il-proġetti għandhom ikunu qed jappoġġjaw tal-anqas tmien inkontri mal-komunitajiet identifikati sabiex jiżguraw effettività massima.

- Jekk jogħġbok ipprovdi l-pjan t'involviment u kollaborazzjoni propost vis-à-vis l-entitajiet/organizzazzjonijiet ta' saħħa identifikati. (10 marki)
- Elabora fuq l-udjenzi ewlenin (interni u/jew esterni) tal-proġett propost, partikularment dawk li se jgawdu mill-benefiċċji tas-saħħa u l-benesseri msemmija. Kif se jintlaħqu dawn l-udjenzi? (10 marki)
- Jekk jogħġbok provdi sommarju tal-pjan ta' reklamar, PR, u komunikazzjoni skont kif applikabbli għall-attività proposta u għall-appoġġ ġenerali imlissen għall-intersezzjoni bejn il-kultura u saħħa. (5 marki)

### 4.1.3. Ġestjoni tal-proġett (25 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-livell t'impenn u preparazzjoni fl-istadju ta' qabel il-proposta, kif ukoll il-pjan propost sabiex jiġu mwettqa u miksuba l-għanijiet u l-miri tal-attività.

Il-punti segwenti għandhom jiġu indirizzat f'mhux aktar minn 300 kelma:

- Jekk jogħġbok issottometti pjann għat-twettiq tal-attività proposta (Ipprovdi skadenzi ta' żmien li juru x'se jseħħ b'pass pass, metodoloġija, pjanijiet ta' ħidma, rwoli u responsabbiltajiet rispettivi fi ħdan il-proġett, settijiet ta' ħiliet, rekord ta' kisbiet preċedenti, portafolli, pjanijiet loġistiċi, skont kif applikabbli). (5 marki)
- Jekk jogħġbok issottometti ittra t'intenzjoni maħruġa mill-ospitant/organizzazzjoni msieħba. Din l-ittra t'intenzjoni għandha tinkludi sommarju qasir tal-irwoli u r-responsabbiltajiet li se jiġu mwettqa. Għandha tagħti sommarju wkoll tal-motivazzjoni tal-ospitant sabiex jipparteċipa fil-proġett. L-ospitant/organizzazzjoni msieħba għandha wkoll tissottometti r-rekord ta' kisbiet tagħha u l-ambizzjonijiet tagħha fil-qasam tal-kultura u s-saħħa. L-ospitant/organizzazzjoni msieħba trid tkun mhux

kulturali, eżempju ġejja mis-setturi tas-saħħa u dawk soċjali. Hemm xi permessi, kwistjonijiet tad-dritt tal-awtur, jew oħrajn legali, etiċi, u amministrattivi li jridu jiġu indirizzati? (10 marki)

- X'inhu l-grad ta' flessibbiltà fl-ippjanar meta wieħed iqis ir-riskji u l-inċertezzi? X'inhuma l-miżuri ta' mitigazzjoni meqjusa in vista tar-riskji identifikati? (e.ż. pjanijiet ta' kontinġenza, evalwazzjonijiet ta' riskji, miżuri ta' saħħa u sigurtà, aġġustament possibbli li jistgħu jseħħu) (5 marki)
- Jekk jogħġbok spjega r-relevanza tal-proposta għar-rekord ta' kisbiet tiegħek kif ukoll għall-ambizzjonijiet u aspirazzjonijiet tiegħek fis-settur tal-kultura u s-saħħa. (5 marki)

### 4.1.4. Baġit u sostenibbiltà (20 marka)

Dan il-kriterju jikkunsidra kemm il-pjan tal-baġit ippreżentat hu pjanat b'mod tajjeb u realistiku.

Il-punti segwenti għandhom jiġu indirizzati f'mhux aktar minn 300 kelma:

- L-applikazzjoni, inkluż il-baġit preżentat, hi riċerkata u ppjanata tajjeb? (10 marki)
- L-objettivi tal-proġett huma ċarament riflessi matul l-applikazzjoni u l-pjan finanzjarju? (10 marki)

## 5. SOTTOMISSJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Segwi dawn il-passi biex tapplika:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-iskema.
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online.
4. Użu l-profil eżistenti tiegħek biex tapplika. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u imla d-dettalji.
5. Mit-taqsima tas-Sejħiet Miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi rikonoxximent awtomatiku mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA minn tal-inqas gimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar din l-iskema, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-entitajiet ta' finanzjament qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. L-entitajiet ta' finanzjament għandhom id-diskrezzjoni esklussiva li jitlobu lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett, id-deskrizzjoni qasira tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inklużi d-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1. Lista ta' kontroll

Sabiex ikunu kompluti, l-applikazzjonijiet iridu jkunu akkumpanjati minn:

- Bijografija/CV artistika tal-applikant li tiġi inkluża fil-profil tal-applikant;
- Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Taxxi u d-Dwana li turi li l-applikant huwa individwu li jħallas it-taxxa f'Malta;
- Kopja taċ-ċertifikat Malti tar-reġistrazzjoni tal-VAT;
- Formola tad-dikjarazzjoni tad-de minimis, fejn applikabbli;
- Reġistrazzjoni tal-awdjo jew awdjoviżiva li ma teċċedix il-5 minuti li fiha l-applikant jipprovdi deskrizzjoni qasira tal-opportunità jew ir-raġunament u/jew il-motivazzjoni wara s-sottomissjoni ta' din il-proposta;
- Materjal awdjoviżiv/portafoll li juru x-xogħol tal-applikant kif relevanti għall-applikazzjoni (materjal awdjoviżiv sa 5MB jistgħu jittellgħu direttament fuq il-formola tal-applikazzjoni. F'każ ta' files akbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' ħolqa);
- Jekk applikabbli, prova tar-reġistrazzjoni legali tal-organizzazzjoni/kumpanija.

- Jekk applikabbli, l-aktar Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Standard Tajjeb riċenti. Dan id-dokument jiġi mġedded kull sena mir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta u huwa prova ta' konformità;
- Ittra t'intenzjoni mill-entità tal-kura tas-saħħa jew kura soċjali li se tkun qed tospita l-proġett;
- Ittra t'intenzjoni mill-kollaboraturi kollha.

# 6. EVALWAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Din l-iskema hi kompetittiva u se tiġi evalwata minn panel ta' esperti relevanti, skont il-kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju hu allokat numru speċifiku ta' marki. Biex applikazzjoni tiġi kkunsidrata għal finanzjament, jeħtieġ tikseb medja ta' 60 marka jew aktar.

Madankollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-applikazzjoni mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, kisba ta' 60 marka jew aktar ma jfissirx li l-applikazzjoni tal-proġett tiegħek se tiġi appoġġjata awtomatikament. Barra minn hekk, il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proġetti mressqa ma jilħqux il-livell meħtieġ skont it-termini tal-kriterji.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-entitajiet ta' finanzjament abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti magħhom.

## 6.1. Komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 ('Riżultati') għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-KMA. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, l-entitajiet ta' finanzjament se jehmżu wkoll kopja tal-formola tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-iskema.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet u s-sommarji tal-proġetti magħżula; fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi, jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom. Barra minn hekk, ARC Research & Consultancy se jkun mitlub biex jissottometti rapport lill-*Pjattaforma KulturaUSaħħa* li tinkludi isem l-artist, in-nazzjonalità tiegħu, u l-forma t'arti—din l-informazzjoni mhux se tiġi ppubblikata.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

L-ebda informazzjoni dwar il-proċess t'evalwazzjoni mhi se tiġi maħruġa qabel in-notifika tar-riżultat uffiċjali. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

Kwalunkwe informazzjoni rċevuta mill-amministraturi tal-iskema, ġestituri, u evalwaturi se tiġi meqjusa kunfidenzjali, sija waqt u wara l-proċess t'evalwazzjoni. F'każ ta' proġetti magħżula, proviżjonijiet fuq il-protezzjoni tad-dejta u l-kunfidenzjalità se jiġi inkluża fil-ftehim tal-għotja.

# 7. IMPLIMENTAZZJONI U MONITERAĠĠ TAL-PROĠETT

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu dokumentazzjoni kompluta sabiex jappoġġjaw l-applikazzjoni u l-pjan baġitarju, fi żmien 30 ġurnata mill-irċevuta tal-ittra ta' notifika. L-entitajiet ta' finanzjament se jaċċettaw varjazzjoni sa 5% mill-ispiża totali proposta. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju se tappoġġja kwalunkwe varjazzjoni mill-ispiża totali proposta. L-entitajiet ta' finanzjament, taħt l-ebda ċirkostanza, mhu se jkunu f'pożizzjoni li jżidu l-għotja mogħtija.

Mal-proviżjoni u l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni mandatorja t'hawn fuq, kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet ta' din l-iskema se jiġi ffirmat mill-benefiċjarju, il-Kunsill Malti għall-Arti, u ARC Research and Consultancy Ltd. L-għotja tista' tingħata biss mat-tlestija tal-proċess hawn fuq indikat fl-iskeda ta' żmien stabbilita. 70% tal-ammont totali allokat mill-bord t'evalwazzjoni se jiġi proċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt u mħallas permezz ta' żewġ pagamenti separati, ekwivalenti għal 50% tal-ammont dovut minn kull entità ta' finanzjament. It-30% li jifdal se jiġu żborżati u mħallsa permezz ta' żewġ pagamenti separati li jammontaw għal 50% tal-ammont dovut minn kull entità ta' finanzjament, wara s-sottomissjoni tar-rapport finali tal-benefiċjarju, u wara approvazzjoni mill-entitajiet ta' finanzjament.

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logos fuq kull materjal relatat u jridu jindikaw b'mod ċar li l-proġett kien appoġġjat mill-għotja, skont is-segwenti: Appoġġjat minn: 1) Il-Kunsill Malti għall-Arti; 2) Il-Pjattaforma *KulturaUSaħħa*; 3) ARC Research & Consultancy; u 4) Ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea, f'kull kwalunkwe materjal stampat, ta' reklamar, u ta' PR. L-għotja mogħtija trid tiġi użata biss għall-iskop li tkun ingħatat u f'konformità mal-applikazzjoni sottomessa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji jridu jinnotifikaw l-entitajiet ta' finanzjament immedjatament jekk bidliet li jaffettwaw in-natura tal-proġett huma neċessarji matul l-implimentazzjoni. Bidliet ma jistgħux jiġu implimentati fl-assenza t'approvazzjoni. L-entitajiet ta' finanzjament jirriservaw id-dritt li jirrievedu jew li jirtiraw l-appoġġ jekk il-bidla fil-proġett ma tkunx meqjusa bħala f'konformità mal-applikazzjoni inizjali, jew jekk ma jkunux infurmati bil-bidliet fi żmien raġjonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jagħmlu lilhom infushom disponibbli għal komunikazzjoni ma' u żjarat minn rappreżentanti tal-entitajiet ta' finanzjament għal skopijiet ta' moniteraġġ, sija waqt l-implimentazzjoni tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija tiegħu.

L-entitajiet ta' finanzjament jirriservaw id-dritt li jirrevedu l-pagament finali jekk l-ispiża totali tkuninqas minn dik stmata fil-formola tal-applikazzjoni.

## 7.1. Rapport

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol imwettaq, il-komponenti kollaborattivi u kokreattivi, u l-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat mill-konklużjoni tal-proġett. Ir-rapport tiegħek għandu jinkludi riflessjonijiet fuq kif il-ħidma kollaborattiva bbenefikat il-proġett u viċi versa, inkluż suġġerimenti fuq kif tista' tissaħħaħ/tingħata sura ġdida l-interazzjoni mal-udjenzi u komunitajiet.

Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell komuni għar-rapport. Jekk relevanti, flimkien ma' dan ir-rapport, il-benefiċjarji jridu jissottomettu kopji ta' kwalunkwe reklamar relevanti, u materjal żviluppat ta' pubbliċità jew informazzjoni għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jintalbu wkoll biex iressqu evidenza tal-proċess tal-proġett, inkluż dokumentazzjoni viżiva (minimu ta' 5 ritratti ta' reżoluzzjoni għolja jridu jiġu sottomessa), vidjos qosra, blogs, u kwalunkwe dokumentazzjoni oħra relevanti. Se tkun mitlub ukoll tippreżenta baġit finali aġġornat flimkien mad-dokumentazzjoni t'appoġġ kollha.

L-entitajiet ta' finanzjament jirriservaw id-dritt li jagħmlu użu mill-materjal tal-proġett sottomess. L-entitajiet ta' finanzjament jirriservaw ukoll id-dritt li jirkupraw fondi f'każ li dawn ma jiġux użati u/jew jiġu użati b'mod ħażin u/jew mhux skont il-baġit imressaq.

# 8. PROĊEDURA T'ILMENTI

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

### 8.1. Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri stipulati f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern;
- il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dan il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

### 8.2. It-tressiq t'ilment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti standard ta' governanza tajba li jirregolaw lis-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill Malti għall-Arti jifforma bord li jkompli jiddiskuti l-ilment tiegħek aktar. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

## 9. APPLIKABBILTÀ TAR-REGOLI FUQ L-GĦAJNUNA TAL-ISTAT

Il-kontribuzzjoni tal-Kunsill Malti għall-arti tramite fondi allokati mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali se tagħti lok għal implikazzjonijiet ta' għajnuna tal-istat f'każijiet ta' impriżi li jwettqu attività ekonomika fl-ambitu tat-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU. F'tali każijiet, l-assistenza mogħtija se tkun f'konformità mar-regolament de minimis. Mhu se jkun hemm l-ebda implikazzjoni t'għajnuna tal-istat f'każ ta' assistenza mogħtija lil dawk l-applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fl-ambitu tat-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU, kif ukoll għal proġetti proposti li ma jinkwadrawx fihom tali attività ekonomika.

Min-naħa l-oħra, il-kontribuzzjoni li se tkun provduta minn ARC Research & Consultancy Ltd, tramite fondi allokati mill-Unjoni Ewropea, mhux se tkun ikkunsidrata, fl-ebda istanza, bħala għajnuna tal-istat.

## 9.1. Regoli tal-għajnuna tal-istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika skont it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU

L-iskema tal-għajnuna tal-istat se tkun implimentata skont il-provižjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 fuq l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat tal-Iffunzjonar tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' għajnuna de minimis.

F'konformità mar-regolament de minimis, l-assistenza mhux se tkun mogħtija lil:

1. impriża attiva fil-produzzjoni primarja tas-sajd jew prodotti tal-akkwakultura;
2. impriża attiva fl-ipproċessar u r-reklamar ta' prodotti tas-sajd jew l-akkwakultura, fejn l-ammont t'għajnuna huwa fiss abbażi tal-prezz jew kwantità tal-prodotti mixtrija jew poġġuti fis-suq;
3. impriża attiva fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli;
4. impriżi attivi fis-settur tal-iproċessar u l-kummerċ tal-prodotti agrikoli, f'dawn il-każi li ġejjin:
   a. fejn l-ammont tal-għajnuna huwa ffissat abbażi tal-prezz jew tal-kwantità ta' dawn il-prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew impoġġija fuq is-suq mill-impriżi kkonċernati;
   b. fejn l-għajnuna hija kkundizzjonata mill-fatt li hi parzjalment jew totalment mgħoddija lill-produtturi primarji;
5. attivitajiet relatati mal-esportazzjoni għal pajjiżi terzi jew Stati Membri, cioè għajnuna direttament relatata mal-kwantitajiet esportati, mal-istabbilixximent u l-operazzjoni ta' netwerk ta' distribuzzjoni jew ma' xi spejjeż attwali relatati mal-attività tal-esportazzjoni.

Barra minn hekk, għajnuna mhux se tkun ipprovduta jekk din tkun kontinġenti fuq l-użu ta' oġġetti u servizzi domestiċi minflok oġġetti u servizzi impurtati.

L-ammont totali ta' għajnuna de minimis mogħti lil impriża unika mhux se jaqbeż l-ammont ta' €300,000 f'perjodu ta' tliet snin. Dan il-perjodu jiġi evalwat fuq bażi kontinwa.

Il-limitu massimu previst jinkludi wkoll l-għajnuna tal-istat mogħtija taħt din l-iskema kif ukoll kwalunkwe għajnuna tal-istat moħgtija taħt ir-regolament de minimis, inkluż dik irċevuta minn entità oltre mill-Kunsill Malti għall-Arti. Kwalunkwe għajnuna de minimis irċevuta li teċċedi l-limitazzjoni stabbilita trid tiġi rikoverata, bl-interessi, mill-impriża li tkun qed tirċievi l-għajnuna.

Ir-regoli fuq il-kumulazzjoni tal-għajnuna hekk kif deskritti f'Artiklu 5 tar-Regolament de minimis se jiġu rispettati.

L-applikanti jridu jissottomettu dikjarazzjoni ta' de minimis li fiha jindikaw kwalunkwe għajnuna de minimis oħra rċevuta u/jew li applikaw għaliha matul il-perjodu applikabbli ta' tliet snin. Din tiżgura li l-ammont ta' għajnuna de minimis mogħti lil kull impriża unika taħt ir-regolament de minimis ma teċċedix il-limitu previst applikabbli ta' de minimis fuq il-medda ta' tliet snin applikabbli.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli għal għajnuna de minimis, tali applikant jiġi kkunsidrat bħala ineliġibbli u l-applikant li jmiss fil-lista jiġi magħżul.

F'konformità mar-regolament tal-għajnuna tal-istat de minimis, rikordji fir-rigward ta' għajnuna de minimis iridu jiġu miżmuma mill-Kunsill Malti għall-Arti għal 10 snin mid-data li l-għajnuna tkun ġiet mogħtija taħt din l-iskema.

**Pubblikazzjoni f'Reġistru Ċentrali**

F'konformità mal-Artiklu 6(1) tar-Regolament de minimis, tal-1 ta' Jannar 2026, informazzjoni fuq għajnuna de minimis mogħtija taħt din l-iskema se tkun pubblikament disponibbli f'reġistru ċentrali.

L-informazzjoni li ġejja se tkun pubblikament disponibbli:

- l-identifikazzjoni tal-benefiċjarju;
- l-ammont t'għajnuna;
- id-data tal-għotja;
- l-istrument tal-għajnuna; u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ('klassifikazzjoni NACE').

### 9.2. Għażla t'għajnuna mhux tal-istat

Applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu japplikaw għal din l-iskema. Applikazzjonijiet għall-proġetti proposti li ma jagħtux lok għal attività ekonomika fi ħdan it-tifsira tal-Artiklu 107 TFEU jistgħu jiġu wkoll sottomessi għal finanzjament.

Fiż-żewġ każijiet, ir-regoli mfissra fis-Sezzjoni 9.1 ma jkunux applikabbli.

## Teħtieġ parir?

Aħna nkunu hemm għalik f'kull pass tal-proċess!

It-tim ta' Senserija Kreattiva tagħna jista' jgħinek issib l-appoġġ neċessarju u jipprovdilek parir fuq l-aħjar mod kif se tippjana biex tippreżenta l-applikazzjoni tiegħek. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Ċemplilna: +356 2334 7230

Ibgħatilna email: fundinfo@artscouncil.mt

L-uffiċċju tagħna miftuħ: 09:00–16:00, Tnejn–Ġimgħa (Ħin ta' Malta)

**Il-linji gwida ġew aġġornati fid-19 ta' Frar 2026**